**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Dicembru, 2019**

**Mandat Nru: 1534/2019 AF**

**Emanuel Borg u martu Maria Dolores Borg**

**vs**

**Loreto Abela**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Emanuel Borg u Maria Dolores Borg li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, din il-Qorti ntalbet izzomm lil Loreto Abela milli jkompli,

- kwalunkwe xoghol ta' tqattiegh ulterjuri f'kull parti ta' drive-in li taghha huma komproprjetarji ma' ohrajn u fejn huma sidien ta' zewg garaxxijiet fi Triq Fra Fred Mattei, Haz-Zebbug, Malta;

- kwalunkwe xoghol ta’ kostruzzjoni ulterjuri f’parti li l-intimat già qatta’ go din id-drive-in;

- u kwalunkwe xoghol ulterjuri ta’ kostruzzjoni relatat ma’ zewg garaxxijiet ippjanati u ntizi mill-intimat li jkollhom access ghal fuq l-istess drive-in.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat id-digriet precedenti.

Rat it-twegiba.

Rat l-Art. 873.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ dan ir-rikors, ir-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti zzomm lill-intimat milli jkompli jaghmel xogholijiet fi drive-in ta’ garages proprjetà komuni.  L-intimat jilqa’ billi jsostni li x-xoghol ilu li beda u mhux ta’ pregudizzju ghar-rikorrenti.

Ikkunsidrat illi jirrizulta mad-daqqa t’ghajn il-jedd tar-rikorrenti fuq is-sit in kwistjoni.  Id-drive-in u l-fetha msejjha “bitha” huma komuni.  L-intimat ma jistax jaghmilhom tieghu. Irrilevanti ghal din il-Qorti l-fatt li x-xogholijiet huma koperti bil-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar, (li johrog dejjem bla pregudizzju ghad-drittijiet ta’ terzi) kif inhuwa wkoll irrilevanti li x-xoghol mhux qieghed ifixkel lir-rikorrenti fl-uzu ta’ hwejjighom.

L-intimati jsostnu wkoll illi kull pregudizzju li jistghu jsofru r-rikorrenti mhuwiex irrimedjabbli.  F’dan il-kuntest il-Qorti tirreferi ghall-insenjament ta’ dawn il-Qrati illi rimedju li jkun sproporzjonat mhuwiex meqjus accettabbli.  Inoltre, il-fatt li x-xoghol ilu li nbeda ma jaghtihx il-jedd illi jkomplih bla xkiel.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ definittivament it-talba ta’ Emanuel Borg u Maria Dolores Borg kif kontenuta fir-rikors taghhom tat-8 ta’ Novembru 2019.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF